**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 3 ta' Dicembru 2018**

Numru: 5

**Rikors Nru. 665/2018**

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited**

**Vs**

**il-Bastiment M.V. IRMAK registrat taht il-bandiera tat-Tanzania, bin-numru ta' registrazzjoni IMO 7514490 u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2018 Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar u P.L. Noel Scerri gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil bastiment M.V. IRMAK**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tat-22 ta' Gunju 2018 li jghid hekk:

Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tal-bastiment fl-ammont ta' erba u sebghin elf, mija u tlieta u disghin euro u disgha u tlettin centezmu (€47,193.39), salv imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital, u spejjez. Dan il-kreditu huwa dovut peress is-socjeta kreditrici, fis-sena 2011, forniet bosta servizzi lill-bastiment intimat, liema servizzi kienu relatti ma' materjal, provizjonijiet, provvisti u necessitajiet forniti lil vapur ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni tieghu;

Illi billi dan l-ammont baqa' dovut is-socjeta rikorrenti, fit-3 ta' Novemberu 2011, ipprocediet billi ikkawtelat il-kreditu taghha bil-hrug ta' Mandat ta' Bcejjec tal-Bahar numru 1539/2011 kontra l-bastiment intimat;

Illi l-kreditu tas-socjeta rikorrenti gie rez titolu ezekuttiv permezz ta' sentenza datat 9 ta' Jannar 2012 ta' dina l-istess Onorabbli Qorti preseduta mill-Imhallef Mark Chetcuti, hawnhekk anness u immarkat bhala Dok. A;

Illi minn dak iz-zmien l-hawn ir-rikorrent kompla jhallas il-‘port dues' dovuti lil Transport Malta peress il-bastiment kien sorgut f’port Malti. Sussegwentament a bazi ta' dawn il-hlasijiet ir-rikorrent gie issurugat fid-drittijiet ta' Transport Malta. Dawn id-drittijiet jaghmlu parti wkoll mit-titolu ezekuttiv hawn fuq imsemmi (Vide Dok. B);

Illi fic-cirkostanzi s-socjeta rikorrenti ghandha interess li tenforza t-titolu ezekuttiv li ottjeniet billi tipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat, liema bejgh jkun approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Taqsima 1, Titolu VII subtitolu V - "Fuq il-Bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru");

IIli skont l-Artikolu 358 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti ghandha setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, tapprova l-bejgh privat ta' bastiment favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz determinat;

IIli a tenur tal-Artikolu 359 tal-Kap. 12, is-socjeta rikorrenti qed tannetti ma’ dan ir-rikors zewg stimi kif rikjest mill-ligi, wahda maghmulha mill-Inginier Anthony Dalli li jaghti stima tal-bastiment intimat ta' erba u erbghin elf u hames mitt euro (€44,500), hawn hekk annessa u immarkata bhala Dok. C, u l-ohra maghmul minn Coral Marine Consultancy & Engineering (Inginier Karl Briffa) li jaghti stima tal-bastiment fis-somma ta' tlieta u erbghin elf, tlett mija u tnejn u tlettin euro (€43,332) hawn hekk annessa u immarkata bhala Dok. D;

llli s-socjeta rikorrenti ghandha offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastiment intimat minghand is-socjeta Maltija Cassar Ship Repair Limited, bin-numru ta' registrazzjoni C-6929, bl-indirizz Slip Way No. 6, Cross Road, Marsa, versu l-prezz ta' hamsa u tlettin elf euro (€35,000) kif jirrizulta minn Memorandum of Agreement datat 8 ta' Gunju 2018, hawn hekk annessa u immarkata bhala Dok. E;

llli ghalkemm l-offerta hija inqas mill-istimi prezentati lil dina l-Onorabbli Qorti, realistikament dak il-prezz huwa difficli li jintlahaq. L-unika skop li ghad fadallu dan il-bastiment huwa li jinbiegh ghal finijiet ta' 'scrap', peress li huwa f’stat ta' tiswijja hazin hafna. Mhuwiex possibli li vapur jitqatta’ f’Malta u ghalhekk irid jintbaghat f’eqreb post fejn dan il-process huwa possibli u cioe t-Turkija. Dan huwa process li mhuwiex facili u li jiswa hafna flus. Tant huwa hekk li tentattiv minn kredituri ohra sabiex il-bastiment jinbiegh permezz tal-procedura ta' subbasta, gew abbandunati. Wiehed ghandu jzid ukoll li dan il-bastiment ilu Malta ghal dawn l-ahhar seba’ snin surgut fil-Marsa. Ghalhekk f’dawn ic-cirkustanzi l-offerta ta' hamsa u tlettin elf euro (€35,000) huwa wiehed gust.

Illi ai termini tal-Artikolu 360 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-rikors qed jigi notifikat ukoll lid-debitur u lir-Registratur tal-Bastimenti oltre l-kredituri li avvanzaw proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat u li jistghu jkollhom interess f’dawn il-proceduri;

Ghalhekk il-Bank esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat M.V. IRMAK a favur tas-socjeta Maltija Cassar Ship Repair Limited u dan versu il-prezz ta' hamsa u tlettin elf euro (€35,000) u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tat-8 ta'

Gunju 2018 u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjonijiet ohra li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-Artikolu 358 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tahtar a tenur tal-Artikolu 362 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta lill-Avukat Dr Michael Camilleri jew fin-nuqqas tahtar persuna ohra li jkun awtorizzat jittrasferixxi l-bastiment intimat skond l-imsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 23 ta' Lulju 2013 u/jew that kull patt u kundizzjoni opportuna li jidhrilha xieraq dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-Artikolu 364 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

3. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tas-socjeta Malta Towage Ltd li tghid hekk:

Illi fl-ewwel lok jigi sottomess illi s-socjeta esponenti hija kreditrici tal-bastiment intimat fl-ammont globali ta' mija u sebgha u disghin elf sitt mija u disgha ewro u erbghin centezmu (€197,609.40) rappresentanti sorte kif kanonizzat b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet Kaptan Abdullah Sahin et. ss MV Irmak (Dok. C) li flimkien mal-imghax legali li ddekorra sallum flimkien mal-ispejjez skont it-taxxa ufficjali jammontaw ghall-ammont imsemmi;

Illi s-socjeta rikorrenti permezz ta' skrittura datata tnejn u ghoxrin (22) ta' April elfejn u erbatax (2014) Dok. A giet assenjata l-kreditu dovut lill-Kaptan Abdullah Sahin et.;

Illi permezz ta' ittra ufficjali (Dok. B) datata erbgha u ghoxrin (24) ta' April elfejn u erbatax (2014) sabiex jigi sodisfatt id-dispost ta' artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-Bastiment intimat gie debitmanet notifikat b'tali assenjazzjoni fis-sebgha (7) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014);

Illi ghalhekk is-socjeta esponenti hija kreditrici tal-bastiment intimat fl-ammont ta' mija u sebgha u disghin elf sitt mija u disgha ewro u erbghin centezmu (€197,609.40);

Illi permezz tal-procedura odjerna s-socjeta rikorrenti qieghda skont id-dispost ta' Artikolu 358 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta titlob lil din l-Onorabbli Qorti tawtoriiia l-bejgh privat tal-bastiment intimat fl-eventwalita li din l-istess Qorti tkun konvinta li l-bejgh propost u ragjonevoli u fl-interess tal-kredituri kollha maghrufa;

Illi koncernanti din il-procedura jinsab ritenut: Peress illi l-Qorti hafna drabi f'dawn ic-cirkostanzi ghandha tistrieh fuq il-provi migjuba, dawn il-provi jridu jikkonvincu moralment u decisivament lill-istess Qorti illi dan il-bejgh jolqot il-kriterji imposti mill-ligi sabiex tilqa' t-talba ghal bejgh privat. Fin-nuqqas il-kreditur jibqghalu t-triq l-ohra miftuha cioe tal-bejgh bis-subbasta fejn il-Qorti tkun hi li tappunta l-istimatur u l-valutazzjonijiet u kwistjonijiet ohra konnessi jkunu taht il-kontroll dirett tal-istess Qorti. B'hekk fil-kaz tal-bejgh privat jinkombi fuq il-kreditur ezekutant mhux biss l-obbligu implicitu li jagixxi in buona fede izda li jagixxi bil-miftuh li ma jhalliex dubju ragonevoli f'mohh il-Qorti li l-bejgh privat qieghed b'xi mod ixejjen il-kors normali tal-gustizzja (enfasi tal-esponenti) li mhux biss issir mal-kredituri u s-sidien tal-bastiment izda tidher li qed issir, u dan bil-beneplacitu tal-Qorti. Huma f'dawn ic-cirkostanzi illi bejgh privat ghandu jigi approvat mill-Qorti (PA Malta Towage Ltd vs MV Irmak 25.08.14);

Illi jigi umilment sottomess li ma jidhrux mad-daqqa ta' ghajn li fil-proceduri odjerni s-socjeta rikorrenti qed tagixxi in buona fede, bil-miftuh u b'mod li ma jhalli ebda dubju ragionevoli f'mohh min irid jiggudika. Dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Hemm kollusjoni manifesta bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta li trid takkwsita l-bastiment - Cassar Ship Repair Yard peress li jidher mill-istejjem esebiti mar-rikors promotur li dawn it-tnejn saru fuq inkarigu ta' l-istess socjeta Cassar Ship Repair Yard Ltd., Ghalhekk wiehed ragjonevolment jikkonkludi li kienet l-istess socjeta Cassar Ship Repair Yard Ltd., li xprunat dawn il-proceduri ghaliex ghandha interessi ulterjuri;

2. Is-socjeta li trid takkwista l-bastiment hija socjeta li toffri servizzi hija stess ta' rmonk ta' bastimenti, fil-fatt kienet l-istess socjeta li rmonkat il-bastiment de quo meta dan gralu l-hsara u waqaf f'nofs ta' bahar. Ghalhekk l-ispejjez ta' rmonk ikunu sikurament hafna anqas minn dak stmat mill-esperti Anthony Dalli u Coral Marine Consultancy fl-istejjem presentati;

3. Kemm l-espert Dalli u Coral Marine stmaw il-valur tal-bastiment bhala €123,662 u €118,572, rispettivament. Sussegwentment, it-tnejn naqqsu l-ispejjez li skond huma jridu jigu inkorsi sabiex il-bastiment jigi rmunkat lejn it-Turkija. Izda dawn, ma jispecifikawx u ma jispjegawx kif f'tal-ewwel (Dalli) wara l-kalkoli ikkonkluda li l-valur residwu tal-bastiment huwa ta' €79;162 izda fil-paragrafu sussegwenti, minghajr ebda raguni jghid li l-valur tal-bastiment huwa ta' €44,500. L-istess taghmel Coral Marine li fil-bran intestat 'Valuation' jghid li l-valur residwu tal-bastiment huwa ta' €75,250 izda fil-paragrafu sussegwenti, minghajr ebda raguni jghid li l-valur tal-bastiment huwa ta' € 43,332 ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li dan kollu ghandu jigi skartat;

4. Illi ukoll f'procedura identika koncernanti l-istess bastiment, intavolata mill-esponenti s-socjeta Cassar Ship Repair Yard Ltd, (Dok. PL) kienet oggezzjonat ghall-fatt li fl-istimi ppresentati kien tnaqqas l-ispiza sabiex il-bastiment jigi rmonkat, ghalhekk l-esponenti ma jistax jifhem kif issa f'dan l-istadju dan ghandu jigi kkonsidrat. Ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri tqis il-valur tal-bastiment minghajr tnaqqis;

5. Is-socjeta Cassar Ship Repair Yard trid takkwsita l-bastiment ghall-prezz ta' €35,000 li huwa anqas minn-nofs tal-valur 'resdiwu' tal-bastiment;

6. Is-socjeta esponenti kienet fl-2014 ressqet procedura identika li giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti, fejn f'dak iz-zmien ukoll l-bastiment de quo kellu biss scrap value u l-Kaptan Mario Grech (Dok. E) kien stama l-bastiment ghal €55,000, filwaqt li l-Ing. Paul Cardona (Dok. F) kien stama l-istess bastiment ghall-valur ta' €60,000;

Fir-rikors presentat fl-2014 mis-socjeta esponenti kienet sabet xerrej li kien dispost ihallas l-prezz ta' €57,000 ghall-bastiment de quo (kwazi d-doppju ta' dak propost fil-procedura odjerna) izda nonostante din l-Onorabbli Qorti ma kinitx awtorizzat il-bejgh.

Illi ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li l-bejgh privat mitlub mis-socjeta rikorrenti ma huwiex fl-interess tal-kredituri kollha maghrufa, ma huwiex trasparenti u li l-prezz offrut mix-xerrej propost ma huwiex ragonevoli fic-cirkostanzi peress li huwa

hafna anqas mill-valur reali tal-bastiment u ghalhekk it-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi michuda.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li tghid hekk:

Ill l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv permezz ta' sentenza mill-Qorti Civili Prim Awla tal-9 ta' Jannar 2012, kif ukoll tal-port dues peress li l-bastiment kien sorgut f'port Malti.

Is-socjeta kreditrici ma thallsitx l-ammont dovut u in vista ta' dan ghandha interess li tenforza t-titolu ezekuttiv.

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti qed titlob li tigi awtorizzata tbiegh il-vapur M.V. IRMAK b'mod privat animo compensandi cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hi esebiet fl-atti zewg stimi indipendenti tal-valur cioe tal-Inginier Anthony Dalli u Inginier Karl Briffa, u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta' erba u erbghin elf u hames mitt euro (€44,500), u l-ohra maghmula minn Coral Marine Consultancy & Engineering (Inginier Karl Briffa) hi ta' tlieta u erbghin elf, tlett mija u tnejn u tlettin euro (€43,332). L-Inginier Dalli spjega illi l-bastiment ilu nieqes minn manutenzjoni mis-sena 2014 minhabba li s-sidien huma falluti, u li jinsab fi stat ta' telqa' u abbandun u mhux fi stat li jista' jerga' jigi utilizzat. Hu tajjeb biss ghall-iscrap. Din l-opinjoni tal-Inginier Dalli hi l-istess bhal dik espressa mill-Inginier Briffa.

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta Cassar Ship Repair Limited animo compensandi bil-valur ta' hamsa u tlettin elf euro (€35,000) u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Gunju 2018.

L-ilment principali ta’ Malta Towage Limited ukoll kreditur tal-istess bastiment hu illi hemm kolluzjoni bejn is-socjeta Cassar Ship Repair li dahlet fil-ftehim preliminari ta’ xiri tal-bastiment mal-istess kreditur Mediterranean Trading Shipping Company Limited ghax kienet l-istess socjeta kumpratrici li ghamlet is-surveys tal-valur tal-vapur. In oltre ma hemmx raguni ghaliex l-ispejjez tal-irmonk tal-bastiment fit-Turkija fejn jista’ jigi skrapjat ghandu jigi mnaqqas mill-valur tal-vapur. Fl-ahhar iqisu l-prezz tal-bejgh bhala mhux ragonevoli ghax anqas mill-istimi prezentati u anqas mill-istimi li saru fl-2014 u fejn l-istess socjeta Malta Towage kienet sabet xerrej li kien lest ihallas €57,000 izda dan il-bejgh gie rifjutat mill-Qorti b’decizjoni tal-25 ta’ Awwissu 2014.

Il-Qorti tqis illi l-principji li ghandhom jirregolaw bejgh privat bhal dak in kwistjoni huma tnejn cioe prezz gust u realistiku tal-vapur li bih l-kredituri kollha ma jsofrux pregudizzju wiehed a skapitu tal-iehor u t-tieni principju jigi salvagwardat id-dritt tad-debitu li jigi realizzat prezz gust u ekwu ghal proprjeta tieghu fic-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz.

Il-Qorti tikkunsidra illi l-ilment ta’ Malta Towage illi hemm xi kolluzzjoni bejn is-socjeta kreditrici u l-kumpratur prospettiv ma fihiex ebda bazi ta’ prova li twassal lil Qorti li tikkondividi din l-allegazzjoni. Il-fatt wahdu li s-surveys gew ordnati mill-kumpratur ma jfissirx li dawn saru b’qerq. Is-surveys huma indipendenti u saru minn persuni proficjenti f’din il-materja. Semmai l-kolluzzjoni kellha tigi allegata li saret bejn il-kumpratur prospettiv u s-surveyors pero kif intqal ma hemm ebda hjiel jew suspett ta’ xi male fede li trid tigi pruvata minn min qed jallegaha.

In oltre l-Qorti tqis li l-ilment ta’ Malta Towage li l-valur tal-vapur kellu jitqies bla ebda konsiderazzjoni ghall-ispejjez necessarji ghat-towage lejn it-Turkija fejn jidher li hemm l-eqreb suq tal-iscrap, mhix wahda realistika. Dan qed jinghad ghax f’dan il-kaz ma hemm ebda uzu ulterjuri ghal vapur kif inhu billi hu dilapidat u l-uniku valur li fih hu l-iscrap value. L-iscrap value jrid jitqies fic-cirkostanzi realistiku tal-kaz. F’dan il-kaz ma hemmx scrap value f’Malta u l-pajjiz imsemmi fejn jista’ inbiegh il-vapur qua

scrap value hu t-Turkija. Ma hemmx kontestazjoni fuq dan il-punt u l-Qorti ma issibx li ghandha tmur kontra din il-kostatazzjoni. Allura hu wisq verosimili li min ser jixtri jrid iqis x'ser jiswielu biex iwassal il-vapur sal-port biex jiskreppjah.

Is-socjeta Malta Towage wkoll tinsisti illi l-prezz negozjat hu anqas mill-istimi prezentati u ferm anqas mill-istimi li saru fl-2014 meta Malta Towage talbet bla success li tbiegh il-vapur bil-prezz ta' €57,000. Fuq din il-kwistjoni l-Qorti tikkunsidra illi l-valuri bejn l-2014 u l-2018 setghu inbiddlu kif saret aghar is-sitwazjoni tal-vapur li ilu Malta mill-2011. Jekk wiehed iqabbel l-istima li saret mill-Inginier Cardona fl-2014 (fol. 57 et seq. tal-process) ma' dawk prezenti jsib li d-diskrepanza fil-valur tirrifletti l-valur tal-bastiment fis-sitwazzjoni prevalenti fiz-zmien li saret il-valutazzjoni. L-ispejjez tat-towage invece huma pjuttost l-istess b'varjazzjonijiet mhux daqshekk usa minn xulxin. Malta Towage ma gabet ebda prova li l-valur tallum mhux realistiku jew l-ispejjez huma esagerati. Allegazzjoni bla sustanza tibqa' biss allegazzjoni. Dak li invece issostni Malta Towage hu illi fl-2014 gie rifjutat bejgha mill-Qorti ta' €57,000.

Fuq din l-ahhar kwistjoni s-socjeta Malta Towage qed tirrerferi ghas-sentenza fl-ismijiet Malta Towage Limited vs MV Irmak deciza mill-istess Qorti kif preseduta fil-25 ta' Awwissu 2014. Il-Qorti kienet cahdet it-talba ghal bejgh inizjat mill-kreditur Malta Towage Limited ghaliex fil-fehma taghha kien hemm nuqqas ta' trasparenza fil-ftehim preliminari ta' bejgh maghmul mal-kumpratur prospettiv. Dan jingahd ghax il-beneficjarju tas-socjeta kreditrici u l-kumpratur kien l-istess persuna fizika u din lanqas ingiebet a konjizzjoni tal-Qorti li kieku ma kienx il-kreditur rikorrenti fil-prezenti azzjoni li irreleva din il-kwistjoni. Ghalhekk a prescindire mill-prezz tal-bejgh, tenut kont l-ispejjez necessarji biex isir l-iscrapping tal-vapur fit-Turkija, il-Qorti ma kinitx konvinta li l-bejgh kien qed isir verament fl-interess tal-kredituri u bi protezzjoni tal-assi tad-debitur vapur.

Il-kwistjoni issa quddiem din il-Qorti hu jekk il-prezz offrut, fic-cirkostanzi tallum hux wiehed ragonevoli tenut kont id-drittijiet tal-kredituri u tad-debitur vapur kif ukoll dawk il-fatturi partikolari ghal kaz bhal per ezempju l-fatt li l-vapur ilu Malta ghal aktar minn seba' snin u l-ispejjez dejjem jikbru biex jinzamm sorgut f'Malta mentri l-valur tieghu jinsab biss fl-iscrap valur tieghu. Hu minnu illi fl-2014 il-valur tal-bejgh kien ta' €57,000 mentri llum qed jigi offrut €35,000. Id-differenza fil-valur hu pjuttost kbir pero

jrid jittiehed in konsiderazzjoni li ghaddew erba' snin mill-ahhar tentattiv ta' bejgh. Ma jistax pero ma jigix kunsidrat li erba' snin ilu, l-istess kreditur li issa qed jixpruna l-bejgh kien qed jopponi ghal bejgh, fost affarijiet ohra, ghax il-prezz ma kienx qed jirrifletti l-veru valur tal-vapur.

Illum il-Qorti ghandha zewg stimi indipendenti tal-valur attwali nett tal-vapur li din il-Qorti ma ngibilha ebda prova biex tiddubitahom, li ghandhom valur medju bejniethom ta' €44,000. Il-ftehim preliminari esebit juri differenza fin-negattiv ta' ghoxrin fil-mija (20%) circa li fil-fehma tal-Qorti ghakemm ma hemmx xi kundizzjoni li tostakola l-bejgh pero l-prezz offrut hu wisq il-boghod mill-valur reali tal-bastiment nonostante c-cirkostanzi li jduru mal-fattispecie tal-kaz.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talba ghal bejgh b'dan il-prezz.

**Decide**

Ghal ragunijiet fuq esposti l-Qorti qed tichad it-talba ghal bejgh tal-vapur M.V. IRMAK, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur